**128. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u Ġustizzja l-Onor. Guido de Marco jipproponi:**

"Illi għal kull Abbozz ta' Liġi kif ukoll għal mozzjoni u riżoluzzjoni fil- ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol għanda titqiegħed mingħajr diskussjoni kull mistoqsija li jkun hemm bżonn sabiex kull Abbozz ta' Liġi jgħaddi mill-bqija ta' l- istadji tiegħu kollha f'dik is-seduta; iżda anke meta jkun għadda l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol Ministru jista' jressaq emendi, klawsoli u skedi ġodda mingħajr avviż, li fuqhom titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat fejn il-mistoqsija fuq emendi, klawsoli, klawsoli ġodda mingħajr avviż, skedi jew skedi ġodda mingħajr avviż, titqiegħed mingħajr diskussjoni; u

Illi l-votazzjonijiet kollha li jistgħu jintalbu fi kwalunkwe stadju waqt id-diskussjoni għandhom jittieħdu fil-ħin ta' l- interruzzjoni tax-xogħol tas-Seduta li fiha jkunu ntalbu billi jekk f'dan il-ħin jerġgħu jintalbu, l-ewwel votazzjoni tittieħed wara ħames minuti minn dan il-ħin, u l- votazzjonijiet l-oħra kollha, jekk ikun hemm; jittieħdu immedjatament warajha."

27.02.1989

**Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u Ġustizzja ressaq din l-Emenda "A":**

"Immedjatament wara l-kelma "Illi" daħħal il-kliem "għax-xahar ta' Marzu 1989" u fit-tieni vers wara l-kelma "riżoluzzjoni" daħħal il- kliem "fejn il-ħin tad- diskussjoni jkun miftiehem fil-Kamra jew ġie iffissat b'riżoluzzjoni ta' l- istess Kamra".

07.03.1989

L-Emenda "A" għaddiet.

Il-mozzjoni kif emendata għaddiet